Avviż Numru CCT 83/15-F

Jesmond Farrugia
Vs
Di Natura Ltd.

Illum, 6 ta' April, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' April, 2015, fejn ir-rikorrenti talab oriġinarjament l-ammont ta' elf mija u sittin Ewro (€1,160) rappreżentanti tibdil tal-panelli solari kif ukoll kumpens tat-telf tal-units.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' ix-xhieda tas-soċjeta' ntimata li attenda għal xi seduti, pero' ma ssottomettiex risposta minkejja li ngħata l-opportunita', u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtara diversi panelli solari u wara xi żmien ftit minnhom kellhom xi ħsara u ma kienux qegħdin jaħdmu sew.

Ir-rikorrenti waqt is-seduta talab rifużjoni ta' danni ammontanti għal ħames mitt Ewro rappreżentanti telf ta' units minħabba l-problemi li kien hemm fil-panelli.

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti fejn ikkompara il-units meta l-panelli solari kienu jaħdmu tajjeb u meta ma kienux qegħdin jaħdmu sew, jiġifieri l-*output* naqas sostanzjalment.

L-intimat qed jaċċetta dawn is-sommom li ħadimhom.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500) bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**